# F'ART TWELID ABRAM

Il-ħajra li nżur il-Mużew ta' Londra, tnisslet fija sa minn mindu kont għadni Student tal-Filosofija, meta, għal bosta drabi kont nisma' l-Prof. Mons. Salvu Grech igħid: "L-aqwda xewqa li għandi li mmur Londra, biex nara "l-*British Museum*". Miet u din ix-xewqa ma qatagħha qatt. Nizzi hajr l'Alla li jien kelli x-xorti li mort Londra qatigħ u dejjem bil-kliem tal-mejjet Professur rasi medhija, kont insib il-għaxqa tiegħi, indur u nara f'dawk is-Swali bla għadd, kull ma nstab moħbi fl-art, wirt taż-żmenijiet il-qodma. Iva l-Mużew ta' Londra hu l-ewwel tad-Dinja għall-kobor u għall-għana. F'nofsu sewwa hemm il-Librerija, għamla qagħqa, bħall-knisja tal-Mosta, iżda xi daqxejn ikbar, mimlija bil-kotba li nistgħu nsejħulhom ta' żmenijietna pal-ċmini, kotba tal-minjatura, manuskritti, u l-kotba kollha li inkitbu mindu Wittenberg fl-1455 inventa l-Istampa sal-jum li ninsabu fih. Is-swali l-oħra jinsabu imburġati b'papiri, ħaġar, irħam, basalt, ġranit, imnaqqax b'ġeroglifiċi, b'kitba kuneiformi, ta' kull ġens qadim tad-dinja, minn żmien Abram u minn qabel ukoll, sal-lum. Imbagħad statwi, mummi, fońħar, deheb, fidda, bronż. Fi ftit kliem tgħidulix x'hemm f'dan il-Mużew, imma x'ma hemmx. Fih f'kelma waħda il-ħrafa tad-dinja u l-ħrejjef ta' kollha kemm huma l-ġnus li għadhom, li kienu u ntemmu, imnaqqxa fil-bronż, fil-ħaġra jew fil-foħħar.

Ma' idek ix-xellugija, kif tidħol il-bieb il-kbir, issib l-ewwel sala, tassew kbira, u f'nofsha fiha l-magħrufa *Rosetta Stone*—ħaġra tal-basalt, imnaqqxa b'kitba kuneiformi u b'ġeroglifici, li lill-għorrief tahom il-muftieħ biex għarfu il-kliem li hemm imnaqqax fil-knejjes, fl-isfinġi u fl-obeliski tal-Eġittu il-Qadim. Il-quddiem ftit ieħor; u max-xellug tinżel ġo indana fejn hemm il-ġabra tal-fdal tas-Saltna Siro-Babilonin, l-iktar ġnus sa issa magħrufa qodma, u li kellhom ċiviltà. Minn din il-ġabra ta' foħħar, irħam, xbihat kitba, wieħed kien jaħseb li l-ewwel Sultan li għaqqad il-ġnus f'għaqda waħda, bena belt u ta l-ewwel liġi bil-miktub kien il-kbir Sultan Hammurabi—aktarx Amrapher, Sultan ta' Sennaar li għex 2,000 sena qabel Kristu. Kif kont indur u nħares lejn il-vetrini u nifli d-deheb, il-fidda, l-îdli, ix-xbihat ta' bhejjem b'rashom ta' bnedmin, u bnedmin rashom ta' ajkla u x'naf jien, nisma' ħsejjes ta' riġlejn, inħares u nilmaħ Professur, imdawwar b'ħafna nies, sejjer

jagħmlilhom *lecture* fuq xi ġabra ġdida li kienu għadhom kemm qegħduha hemm, dawk il-ġranet. Irtassejt mal-gozz u bejn wieħed u ieħor, smajt il-Professur igħid dan li ġej:

"Il-Għaqda Ingliża u Amerikana f'dan l-aħħar snin, irnexxielha tħaffer fil-post fejn dari kienet il-belt ta' Mesopotamja ħdejn ix-xmara Eufrat ma' ġenb il-belt fejn twieled Abram u mill-ħwejjeġ li minn taħt it-turbien slitna, sirna nafu li xi 5,300 sena qabel Kristu, kienu hemm isaltnu Slaten tar-razza msejħa Sumerjana. Il-baqqun tal-għażżieqa, iżjed ma beda jħaffer l-isfel u jwarrab it-torba, iżjed beda jikxef ħwejjeġ ta' fejda b'għaġeb kbir ta' kullħadd. Tlitt ibliet, waħda taħt l-oħra mħażżnin bi swar, u taħt is-swar insabu it-tifkiriet ta' daż-żmien u ta' min bniehom, bi tnaqqix fiżżnied jew fil-foħħar bi ħżuż kuneiformi li l-lum l-arġentieri jixtiequ jagħmlu bħalhom, saħansitra xogħol tal-filogranu; imsielet, ward u żewġ sjuf tad-deheb, ta' ġmiel liema bħalu. Katina tad-deheb, ħnienaq, imxat, taħsibhom għadhom ħerġin mill-fabbrika ta' *Benson*; xi tliet Arpi maħdumin b'reqqa liema bħalha b'ras ta' għoġol tad-deheb fil-quċċata u bilmanku intarsjat bil-madriperla, u b'injam ta' ħafna lwien; bċejjeċ tal-lbiesi tan-nisa minsuġa bid-deheb, parrokki u tiżjin ieħor li juru fid-dieher, li kienu rġejjen dawk li libsuhom. Iżda naħseb li l-isbaħ fost il-ħwejjeġ misjuba li rajt huma żewġ kbiex, muntuni, ta' xi pied u nofs il-wieħed qegħdin jogħlew fuq saqajhom ta' wara u b'saqajhom ta' quddiem b'minkbejhom l-isfel, bħalli kieku qegħdin jirrambaw lil xulxin; rashom u riġlejhom tad-deheb, għajnejhom ta' *lapis-lazzuli*; sufhom, biex kemm jista' jkun jixbaħ issewwa, magħmul b'serbut bebbux abjad, jispiċċa għal xejn, għal xejn. Ma nafx jekk l-aħjar imgħallem ta' żmienna jistâx jisboq fis-sengħa lill-imgħallem li ħadem dawk iż-żewġ kbiex."

Fl-aħħar nett, il-Professur ħadna quddiem mappa mimlija xbihat ta' iġsma mejta. Din, qalilna, hija kopja ta' qabar misjub fl-inħawi tal-Mesopotamja u li aħna ma stajniex inġorru għal dan il-Mużew. Il-Professur Wooley mar isejjaħ dan il-qabar bl-isem ta' *Death Pits*—Ħofriet l-imwiet, ilgħaliex ġo fih insabu 68 ġisem ta' mara fil-wita tiegħu u fid-daħla, il-ġisem ta' 6 irġiel. Isimgħu l-fehma tal-Għorrief. Dawk is-68 mara huma l-iġsma tan-nisa tas-Sultan mejjet midfun hemm. In-nisa marru warajh jindifnu ħajjin biex joqogħdu miegħu fid-dinja l-oħra. Iżda la taħsbux li dawn ġew maqtula bħal frat fis-Sakrifiċju jew b'kefrija maħqura u midfuna ħajja bħal irsiera. Xejn minn dan ! Il-lbies tal-

ħarir kremzi, id-deheb il-fided, l-arpi u t-tiżjin magħżul tagħhom, juru li dawn kienu kbarat u li f'dik il-fossa jew kamra, niżlu minn rajhom, biex imorru wara s-Sid tagħhom. L-ebda wiri ta' ħruxija ma jidher fihom, l-ebda wiri ta' qtil kontra r-rieda tagħhom. Il-mewt tagħhom aktarx ħiemda bla wġigħ, bla ma ħassewha, billi ġie lilhom mogħti xi xorb tan-ngħas, xi opju, jew ħaxixa, u meta kienu barra minn sessihom, il-ħofra ġiet mimlija bit-torba u hemm baqgħu midfuna, sakemm ir-rieda u r-regħba tal-għorrief fl-1929 reġgħet uriethom id-dawl tax-xemx, wara sebat elef mitejn u disgħa u għoxrin sena minsijin fid-dlam tal-mewt.

Il-post fejn saru dawn it-tfittxijiet hi l-belt fejn Abram tweled imsejħa UR.

L-iżjed ħaġa li tolqot, f'din it-truvatura hi li b'dawn it-tfittxijiet inkixfet ċiviltà li ħadd qatt ma basar li hi qadima mhux anqas minn 5,300 sena Q.K. Fdin il-belt, misjuba taħt il-ħama u l-ilma tad-Dulluvju, insabu wkoll djar kbar ġmielhom: mhux le għerejjex jew għorof, iżda djar li iħabbtuha ma' dawk ta' żmenijietna. F'waħda minnhom (min jaf kenitx ta' Abram ?) barra li sabu fiha żewġ indani, fiha xejn anqas minn 14-il-kamra mdawrin u mdawlin minn bitħa f'nofs il-bini u b'għamara ta' lussu.

Tistaqsuni kif jista' jkun illi nemmnu f'nies ċivilizzati 5,300 qabel Kristu, meta d-dinja ma' kenitx inħolqet iżjed minn 4,000 sena ilu ? It-twegiba hi din:

Li d-dinja kienet maħluqa 4,000 ilu m'hux l-Iskrittura qalitulna iżda bnedmin li setgħu tqarqu. Sa żmien Copernico kienu jaħsbu li d-dinja hi watja; sa żmien Galileo u Colombo kienu jaħsbu illi x-Xemx iddur mad-Dinja u m'hux id-dinja, max-Xemx. Alla li ma jqarraqx bina ma qalilniex meta' ħalaq id-dinja, iżda ħallielna tifkiriet biex aħna nkunu nafu m'hux il-ġurnata, imma l-Epoka, u nafu li ilha maħluqa miljuni fuq miljuni ta' snin. Il-quċċata tal-iġbla l-ġewwenin tal-art, il-bhejjem, il-ħut, il-ħxejjex li biż-żmien saru tal-granit jew tal-faham, l-ugħiet li saru irħam huma l-aħjar ktieb biex wieħed jistudja u jitgħallem kemm tassew kellu għalfejn igħid il-kittieb ta' l-Ekklesiaste: Alla reħa d-dinja għat-tlewwim tal-bnedmin, sabiex ma jagħrafx il-bniedem ix-xogħol li ħadem mill-bidu sal-aħħar tad-dinja.

(Ecclesiastes: III II.)

Kan: Ġ. M. Farrugia